# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' April, 2024.**

**Numru 14**

**Rikors numru 648/21/1 FDP**

**Jason Masini**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tar-rikorrent wara sentenza mogħtija nhar l-24 ta' Jannar 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha u permezz ta' liema laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement ma sabitx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent hekk kif issalvagwardjati bl-Artikolu 6 u 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Ewwel Qorti ddikjarat ukoll illi t-talbiet kollha

huma sempliċiment frivoli għall-għanijiet tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Daħla**

2. Ir-rikorrent ressaq azzjoni permezz ta' rikors nhar it-8 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema talab lill-Ewwel Qorti:

> *"1. Tiddikjara illi bil-fatti kif fuq esposti, u in partikolari bid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Settembru 2017 u tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-1 ta' Lulju 2020 fil-każ Il-Pulizija vs Jason Masini, u għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
>
> *2. Tiddikjara illi bil-fatt li fil-każ tal-esponent (fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason Masini deċiż mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Lulju 2020) il-liġi Maltija ma tipprovdix ir-rimedju tar-ritrattazzjoni jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti mill-Artikolu 6 u mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u l-Libertament Fundamentali tal-Bniedem u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
>
> *3. Konsegwentement tħassar is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-1 ta' Lulju 2020 u dik tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Settembru 2017 fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason Masini u tordna li l-partijiet jitqiegħdu fl-istess posizzjoni bħal ma kienu qabel ma ngħatat is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2017;*
>
> *4. Tiddikjara li għar-raġunijiet fuq esposti l-esponent sofra vjolazzjoni tad-dritt tiegħu li ma jkunx diskriminat u dan bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;*
>
> *5. Tillikwida ammont ta' kumpens għad-danni pekunarji u non-pekunarji għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija;*
>
> *6. Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat;*
>
> *7. Tagħti kull rimedju, ordni jew provvediment ieħor li jidrilha li huwa xieraq sabiex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-*

*esponenti u safejn huwa possibbli tqiegħdu fl-istat li kien fih qabel il-vjolazzjoni;"*

3. Ir-rikorrent ippremetta illi:

*"1. Illi l-esponenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'ċitazzjoni u ġie akkużat bis-segwenti imputazzjonijiet: Akkużat talli f'dawn il-gżejjer, Ġunju 2015 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:*

*1. Approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd talħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu, għad-dannu tal-Malta Council for Culture and the Arts fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.*

*2. U talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita' oħra, għamiel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu għad-detriment tal-Malta Council for Culture and the Arts fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. 3. U aktar talli irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Jason Masini (deċiża fis-sbatax ta' Gunju tas-sena 2011) liema sentenza hi definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula.*

*2. Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Jason Masini' mogħtija nhar il-11 ta' Settembru 2017 fuq l-imputazzjoni miġjuba kontra l-istess esponenti, l-Qorti filwaqt li ma sabitx ħati lill-esponent tat-tieni (2) il-imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċediva miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom illiberatu, wara li rat l-artikolu 293, 294 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sentejn.*

*3. Illi l-esponenti ħassu aggravat bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u minnha interpona appell.*

*4. Illi b'sentenza tal-1 tal-Lulju 2020 l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell tal-esponenti.*

*5. Illi naxxenti minn dawn il-proċeduri, l-esponent għandu żewġ lanjanzi ta' natura kostituzzjonali;*

*6. Illi fl-ewwel lok s-sentenzi mertu ta' dawn il-proċeduri jikkontjenu konstatazzjoni ta' fatt manifestament żbaljati li kienu jinċidu fuq il-kolpevolezza o meno tar-rikorrent. Dan minnu nnifsu għandu żewġ raminifikazzjonijiet. Fl-ewwel lok, anke skond ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu, fejn Qorti tkun għarblet il-provi b'mod tant manifestament erronju li tkun waslet għal konklużjonijiet manifestament irraġonevoli, dan minnu nnifsu jammonta għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u f'dak il-każir-rimedju opportun għal dak il-ksur għandu jkun li dik is-sentenza hekk manifestament ħażina tiġi mħassra u l-kawża deċiża mill-ġdid (ara Carmel Saliba vs Malta, 29 ta' Novembru 2016). Fit-tieni lok, f'ċirkostanzi bħal dawn, fejn il-Qorti kkonduċiet apprezzament tal-fatti manifestament żbaljat, li kieku l-esponent kien qiegħed fil-kamp ċivili fejn ma hemm l-ebda riskju ta' teħid ta' liberta' personali, l-esponent kien ikollu r-rimedju ta' ritrattazzjoni. Fil-kamp penali ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa ristrett biss għal każ ta' ġuri. Fil-fatt iddisposizzjoni tal-kap 9 li tirregola r-ritrattazzjoni ma ġietx emendata maż-żminijiet sabiex tirrefletti it-tibdil fil-kompetenza tal-Qrati Kriminali ta' Malta. Meta din id-dispożizzjoni kienet oriġinarjament introdotta fil-kodiċi penali din kienet tkopri każijiet bħal tar-rikorrenti għaliex il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta kienet ristretta ħafna. Ġaladarba il-kompetenza tal-Qrati tal-Maġistrati illum żdiedet b'tali mod li persuni li jidhru quddiem l-istess Qorti jistgħu jintbgħatu sa massimu ta' tnax-il sena priġunerija, il-fatt li persuni li l-każijiet tagħhom jinvolvi l-possibilita' tat-teħid tal-liberta tagħhom huma preklużi mid-dritt ta' ritrattazzjoni huwa leżiv tad-drittijiet kostituzzjonali tagħhom;*

*7. Illi inoltre l-esponent isostni li saret diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu stante l-fatt li kif se jkun qiegħed jingħad f'dan ir-rikors f'każ ieħor li huwa identiku bħal tiegħu, l-Onorabbli Qorti Kriminali ma kinitx sabet lill-akkużat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Id-diskriminazzjoni seħħet fil-konfront tar-rikorrent mhux fir-rigward tal-piena iżda rigward is-sejbien ta' ħtija o meno tal-esponenti.*

*8. L-ilmenti Kostituzzjonali tal-esponenti*

*8.1 Ksur tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*8.2 Illi l-esponenti ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali madanakollu ma kellux rimedji oħra x'jeżerċita stante l-fatt li tali appell huwa finali.*

*8.3 Illi id-deċiżjoni kemm tal-Qorti tal-Appell kif ukoll tal-Qorti tal-Maġistrati qabilha kienet leżiva għad-drittijiet tiegħu stante l-fatt li kienet deċiżjoni bbażata fuq apprezzament manifestament żbaljat ta' fatti, ħaġa li f'sentenza kriminali hija ferm aktar perikoluża billi hemm ir-riskju tat-teħid tal-liberta' tal-persuna akkużata*

*8.4 Illi f'Malta filwaqt li fil-kamp Ċivili, il-leġislatur ħaseb għar-rimedju tar-rittrattazzjoni mhux l-istess jista' jingħad għal dak li jikkonċerna l-kamp penali fejn id-deċiżjoni tal-appell hija waħda finali u l-individwu li jħossu aggravat minnha ma jistax jutilizza r-rimedju tar-rittrattazzjoni jew jirrikorri għal xi rimedju ieħor.*

*8.5 Illi huwa minnu li r-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa ritenut bħala rimedju straordinarju iżda tenut kont tal-fatt illi fil-kamp ċivili l-liġi tipprovdi għall-possibilita' tar-rimedju ta' ritrattazzjoni biex tindirizza sitwazzjonijiet ta' inġustizzja gravi, huwa ferm mankanti l-ordinament ġuridiku Malti li fil-kamp penali fejn deċiżjoni inġusta jista' jkollha effetti daqstant aktar detrimentali għall-individwu dan ir-rimedju mhux disponibbli fil-każijiet li jistgħu jwasslu għal piena ta' priġunerija, ħlief fil-każi ta' ġuri;*

*8.6 Illi Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jindika kif kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fil ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal diversi raġunijiet fosthom għal żbalji manifesti;*

*8.7 Illi fil-kamp penali l-uniku darba li l-akkużat jista' jitlob sabiex il-każ tiegħu jerġa' jinstema' mill-ġdid huwa biss f'każ ta' ġuri. Bir-rispett dan id-dritt kien ġie mogħti lill-imputat fi żmien meta kull reat li kien jeċċedi l-ħamsin lira Maltin, l-akkużat kien jgħaddi ġuri. Huwa evidenti li meta l-leġiżlatur irreveda l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' kompetenza kriminali huwa naqas li jikkunsidra li jekk ma jemendax ukoll il-provvedimenti tal-liġi li jirregolaw ir-ritrattazzjoni fil-kamp penali allura dan kien iwassal (kif fil-fatt wassal) għal menomazzjoni tal-għodda proċedurali disponibbli għall-imputat u senjatament wassal biex l-imputat ikollu inqas protezzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq billi ġew drastikament ridotti l-mezzi li tagħti l-liġi biex tiggarantixxi li jkun hemm mod li wieħed jimpunja deċiżjoni minħabba raġunijiet gravi bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 811 tal-Kap.12 (li b'xi mod jew ieħor kollha jwasslu għal nuqqas ta' smigħ xieraq);*

*8.8 Illi fil-każ tiegħu l-esponenti jsostni li saru żbalji fil-Qrati Kriminali, u li tali żbalji jirrigwardaw konstatazzjoni ta' fatti li fil-Kamp Ċivili kienu jammontaw għal bażi legali biex wieħed ikollu l-jedd jirrikorri għall-istitut tar-ritrattazzjoni, kif sejjer jintwera wkoll ampjament fit-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*8.9 Illi l-esponent jirrileva wkoll illi l-Qorti tal-Appell, u l-Qorti talMaġistrati qabilha, naqsu kompletament milli jqisu li bħala stat ta' fatt il-flus in kwistjoni kienu ġew imrodda lura mill-esponent addirittura qabel ma saret il-kwerela u li allura fil-mument li saret il-kwerela diġa' ma kienx hemm l-elementi tar-reat kif tridhom il-liġi, aħseb u ara kemm seta' jiġi misjub ħati tar-reat snin wara. Il-fatt li l-Qrati ta' kompetenza kriminali naqsu li jikkunsidraw dan il-fatt kruċjali wassal għal inġustizzja gravi u manifesta fejn persuna*

*nstabet ħatja meta kjarament ma kienx hemm il-fatti li setgħu jsostnu l-akkuża miġjuba kontra tagħha. Addirittura konklużjoni bħal dik hija waħda tant manifestament żbaljata li l-ebda ġudikant li ma kellu raġjonevolment jasal għaliha, aktar u aktar fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tkun ibbażata fuq l-eliminazzjoni ta' kull dubju dettat mir-raġuni;*

*8.10 Illi inoltre l-esponenti sofra diskriminazzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex f'każ identiku bħal tiegħu u bl-istess fatti bħal tiegħu, l-Onorabbli Qorti iddeċidiet l-oppost u ċioe fil-każ tiegħu l-Onorabbli Qorti sabet sejbien ta' ħtija, filwaqt li fil-każ l-ieħor l-Onorabbli Qorti ma sabitx sejbien ta' ħtija. 8.11 Illi għalhekk hawnhekk m'għandniex sitwazzjoni ta' piena differenti, iżda sitwazzjoni fejn l-Onorabbli Qorti f'każ minnhom ma sabitx sejbien ta' ħtija filwaqt li fil-każ l-ieħor sabet sejbien ta' ħtija u l-liġi ma tipprovdi ebda rimedju legali li jista' jkun utilizzat mill-esponenti.*

*8.12 Illi għalhekk l-intimat sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu kif protetti bl-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif se jiġi ttrattat aktar fid-dettal waqt is-smigħ tal-kawża. 8.13 Illi l-esponenti ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għaliex tant kienet żbaljata l-konklużjoni tal-Qorti fil-każ tal-esponent li li f'deċiżjonijiet oħrajn (prattikament identiċi) tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-akkużati ma nstabux ħatja tar-reat t'approprjazzjoni indebita u dan għall-fatt li huma rrifondew il-flus waqt il-mori tal-kawża, filwaqt li l-esponenti li kien għadda l-flus kollha propju qabel ma nħarġu l-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu xorta waħda nstab ħati tar-reat tal-approprjazzjoni indebita.*

*8.14 Illi senjatament fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Siegfried Borg Cole, deċiż fit-23 ta' Diċembru 2003, l-Onorabbli Qorti ddikjarat illi: "Fil-pessima ipotesi kull ma jista' jingħad fil-konfront ta' l-appellant hu li hu ttraskura, minħabba xogħol ieħor li kellu, li jagħti l-attenzjoni dovuta lit-talba ta' Gaglione biex isiru l-konteġġi kemm jista' jkun malajr ħalli li dan jgħaddilu l-flus li kienu tiegħu. Fin-nuqqas ta' l-element formali tar-reat, l-aktar li seta' kien passibbli l-appellat kien għal proċeduri ċivili, iżda ċertament ma kien hemm qatt lok ta' dawn il-proċeduri penali." Illi għalhekk f'dak il-każ l-Onorabbli Qorti ma sabitx lill-akkużat ħati tal-akkużi imputabbli fil-konfront tiegħu.*

*8.15 Illi fil-każ tal-esponenti kemm il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u anke il-Qorti tal-Appell Kriminali użaw kejl differenti minn dak użat fl-appell kriminali Il-Pulizija vs. Siegfried Borg Cole u b'mod irraġonevoli għall-aħħar sabu lill-esponent ħati tar-reat ta' misapproprjazzjoni. 8.16 Illi dan qiegħed jingħad għaliex hawnhekk f'dawn iż-żewġ każijiet għandna sitwazzjoni simili, anzi fil-każtal-esponent kien aktar ċar li r-reat ma kienx jissussisti. Fil-każ il-Pulizija vs. Siegfried Borg Cole, l-akkużat għadda l-flus wara li rċieva ċ-ċitazzjoni iżda qabel ma bdew il-provi tad-difiża. Minn*

*naħa l-oħra fil-każ tal-esponent, l-esponenti mhux talli għadda l-flus, iżda addirittura l-flus għaddihom saħansitra qabel ma ġiet ippreżentata l-kwerela fil-konfront tiegħu. Madanakollu f'dan il-każ l-esponenti xorta waħda nstab ħati t'approprjazzjoni indebita;*

*8.17 Illi effettivament għalhekk il-Qrati ta' kompetenza kriminali fil-każ tal-esponent sabu ħtija meta kien hemm wieħed mill-elementi tar-reat nieqes, u dan billi injoraw totalment il-fatti ċari li rriżultaw mill-provi;*

*8.18 Illi l-esponenti fl-opinjoni umli tiegħu jinsisti li huwa ġustament ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, madanakollu tali deċiżjoni hija finali, iżda tibqa' deċiżjoni li ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u għalhekk huwa qed jirrikorri għal dawn il-proċeduri;*

*8.19 Illi r-rimedju li l-esponenti jidhirlu li jkun l-aktar xieraq biex jiġu radrizzati l-vjolazzjonijiet sofferti minnu huwa li s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell u tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali jiġu mħassra, u li l-esponent jingħata kumpens għall-vjolazzjonijiet riskontati minnu, salv kull rimedju ieħor opportun li din l-Onorabbli Oorti jidhrilha xieraq biex tispurġa kompletament il-vjolazzjoni.*"

4. L-Avukat tal-Istat ressaq is-segwenti risposta:

*"1. Illi in suċċint il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li qed jigi allegat li bit-1) 1. Illi in suċċint, ir-rikorrent instab ħati ta' misappropjazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iżda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-istess Qorti illiberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sentejn. Ir-rikorrent ħassu aggravat u ntavola appell minn din id-deċiżjoni. Sussegwentament is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-Onor. Imħallef li ppresjeda fil-kawża jikkonkludi: "żgur li l-piena ma kinetx manifestly excessive. Jekk xejn kienet piena żgħira meta imqabbla mar-reat". Ġara għalhekk li għal darb' oħra r-rikorrent ngħata sentenza li ma kinetx għall-gosti tiegħu, u b'hekk pretenda li l-liġi penali għandha tagħtih it-tielet ċans quddiem qorti differenti, biex jipprova joħroġ għal kollox 'clean';*

*2. Filfatt fir-rikors promotur fil-kawża odjerna, ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li l-liġi ma tagħtux aktar rimedji x'jutilizza fil-kamp penali, wara li huwa eżawrixxa d-dritt t'appell. Jallega għalhekk li huwa qiegħed ibati minn ksur tad-dritt għal smigħ xieraq hekk kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jallega li d-dritt fundamentali għar-rimedju effettiv hekk kif sanċit fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni qiegħed ukoll jiġi leż. Minbarra dan, iżid jgħid li sofra minn diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u dan minħabba l-fatt li skond hu, persuna oħra li kellha akkużi identiċi għal tiegħu ġiet illiberata bħalu – iżda*

*mhux bil-kundizzjoni li ma terġax twettaq reat ieħor fi żmien sentejn – bħal ma ġie ikkundizzjonat għalih hu;*

*3. Illi l-esponent qiegħed tramite din ir-risposta jirrispinġi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom stante li dawn huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*4. Illi jibda' biex jingħad li l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li 'kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi'. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponent jirrileva illi ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

*5. Illi f'dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) il-proċeduri kollha nżammu u ġew determinati minn qorti ndipendenti u mparzjali; (b) ir-rikorrent kellu aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu sar fil-presenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent ingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) r-rikorrent kien megħjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrent ingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;*

*6. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-aġir tal-qrati ċertament ma kienx u ma huwiex abbużiv jew jonqos li josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Il-Qrati aġixxew korrettament skond il-Liġi u fil-parametri mposti mill-Liġi u bl-ebda mod ma ppreġudikaw id-drittijiet tar-rikorrent;*

*7. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni jipprovdi s-segwenti: 'Kull min ikollu mħarsa d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali għalkemm dan il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali'. L-ordinament ġuridiku penali Malti jipprovdi li meta persuna tħossha aggravata minn sentenza ta' qorti ta' l-ewwel istanza, tista' tintavola appell quddiem il-qorti tal-appell kriminali. Ir-rikorrent kellu rimedju ta' appell, użah u ma rnexxilux jikkonvinċi lill-qorti tal-appell biex tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Il-Leġislatur bl-ebda mod ma ppreġudika d-drittijiet tar-rikorrent meta waqaf milli jagħti rimedju ulterjuri wara l-appell. Il-Leġislatur għandu kull dritt jiddeċiedi u jaqta' linja kif wara kollox dejjem jagħmel biex jiddetermina sa fejn persuna tista' tibqa' iġġebbed l-ilment tagħha. Il-fatt li r-rikorrent ma kienx sodisfatt bl-eżitu tal-kawża, ma jfissirx li l-liġi nostrana hija 'lacking'. Ma jfissirx li l-Istat jew xi organu tiegħu naqas milli jagħti smigħ xieraq lirrikorrent u milli jagħtih rimedju effettiv;*

*8. Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 14 jaqra is-segwenti: 'It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew statut ieħor'. L-esponent jeċepixxi li l-ilment tar-rikorrent ma jaqa' taħt l-ebda kategorija fil-lista eżawrjenti msemmija taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u għalhekk ċertamenent ma jistax jirriżulta ksur tad-drittijiet tar-rikorrent taħt dan l-artikolu;*

*9. Illi fid-dawl ta' dan kollu u tal-pre-ċitati Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponent isostni li r-rikorrent ma sofra minn ebda ksur tad-drittijiet fundamentali, u li l-ordinament ġuridiku penali Malti ma huwiex leżiv għad-drittijiet fundamentali;*

*10.Illi jsegwi għalhekk li t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom minn din l-Onorabbli Qorti;*

*11.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom."*

5. Permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' Jannar 2023 ġie deċiż is-segwenti:

"*Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:*

*Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu ta' l-intimat Avukat tal-Istat.*

*Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti għall-motivi spjegati, filwaqt illi:*

*Tiddikjara t-talbiet kollha tar-rikorrent bħala sempliċiment frivoli għall-għanjiet tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u L-Artikolu 4 (5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-ispejjeż għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.*"

U dan abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat*

*22. Il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-allegazzjonijiet u difiżi mqajjma, jeħtieġilha tistħarreg huwa hemmx ksur tal-jeddijiet invokati mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*23. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:*

> *"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi........"*
>
> *Illi skont l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick, fil-ktieb "Law of European Covention on Human Rights" :A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were 'equality of arms' and the right to a hearing on one's presence. A breach of such a specific right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing' on a 'hearing as a whole' basis."*

*24. Il-kunċett ta' smigħ xieraq jinsab ukoll sewwa deskritt fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jistipula:*

> *"Kull Qorti jew awtorità oħra ġudikanti imwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

*25. Kif fuq insenjat, il-kunċett ta' smigħ xieraq jiddependi mill-iter proċesswali adoperat fil-kuntest tal-persuna in kwistjoni u ċioe` smigħ fil-preżenza tal-'equality of arms'. Sabiex l-prinċipji enunċjati fl-artikolu 6 jiġu sodisfatti jrid jintwera li l-proċess instema' quddiem Qorti, kemm il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali, illi hija Qorti imparzjali.*

*26. Hawnhekk, il-Qorti taqbel ma' rilevat mill-Avukat tal-Istat, osija illi ir-rikorrent kellu aċċess għal Qorti, is-smigħ sar fil-preżenza tiegħu, il-partijiet ġew trattati b'mod ugwali, mingħajr ebda vantaġġ minn xi persuna jew oħra. Ir-rikorrent Masini ingħata l-opportunita` li jiddefendi ruħu u jressaq id-difiżi tiegħu, u ngħata it-terminu u żmien xieraq għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu.*

*27. Kif osservat minn Van Dijk u Van Hoof fil-ktieb "Theory and practice of the European Convention of Human Rights" (3rd edition pg. 418).*

> *"Article 6(1) not only guarantess procedural remedies in relation to judicial proceedings, but also grants a right to judicial proceedings for the cases mentioned in this article; the right of access to court. This right has not been laid down in express terms in article 6. Its first*

*paragraph only refers to entitlement to a fair and public hearing by a court, leaving it unclear whether this entitlement only exists where judicial proceedings have been provided founder domestic law, or implies, or rather oresupposes - a right to such judicial proceedings. This unclarity was lifted by the court in its Golder judgement (21st century 1975). There, the Court held that article 6 must be read in the light of the following two legal principles*

*1) The principle whereby a civil claim must be capable of being submitted to a Judge, as one of the universally recognized fundamental principles of law; and*

*2) The principle of international law which forbids the denial of justice."*

*28. Fil-każ Golder vs United Kingdom (App 4451/1970), il-Qorti Ewropea irriteniet:*

*"It would be inconceivable, in the opinion of the Court, that Article 6 para.1 (art.6-1) should describe in detail the procedural guarantees afforded to parties in a pending lawsuit and should not first protect that which alone makes it in fact possible to benefit from such guarantees, that is access to a court. The fair public and expeditious characteristics of judicial proceedings are of no value at all if there are no judicial proceedings.*

*Taking all the preceding considerations together, it follows that the right of access constitutes an element which is inherent in the right stated by Article 6 para 1. This is not an extensive interpretation forcing new obligations on the Contracting States; it is based on the very terms of the first sentence of Article 6 para.1 read in its context and having regard to the object and purpose of the Convention, a lawmaking treaty (see the Wemhoff judgement of 27 June 1968, series A no 7,p 23, para 8) and to the general principles of law."*

*29. L-awturi Harris, O'Boyle & Warbwrick fil-ktieb Law of the European Convention of Human Rights (third edition, p.399) kitbu hekk:*

*"Despite cogent judgements to the contrary by the dissenting judges the court's judgement has been long unquestioned and provides a strong foundation for the guarantee of the right to a court."*

*30. In vista tas-suċitat, jidher evidentement, li r-rikorrent kellu aċċess għal Qorti, anke fl-istadju ta' appell, li offrew il-garanziji kollha għal smigħ xieraq.*

*31. Għalhekk, jidher, mill-atti proċesswali li dak kollu li jirrikjedi smigħ xieraq, quddiem Qorti imparzjali fejn il-persuna jingħata d-dritt jiddefendi ruħu, ġie sodisfatt.*

*32. Għalhekk, fil-karenza tal-prova li turi vjolazzjoni għal smigħ xieraq, l-ilment tar-rikorrent ikun infondat fil-fatt u fid-dritt.*

*33. Jiġi osservat, li nonostante l-ilment tar-rikorrent a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, ma saret l-ebda prova da parti tar-rikorrent li kien hemm nuqqas ta' smigħ xieraq fil-konfront tiegħu. Anzi,*

*jidher ċar illi r-rikorrent ingħata dritt ta' smigħ xieraq, mhux darba iżda darbtejn. Madanakollu, mhux kuntent b'dak li ħa, wessa' l-immaġinazzjoni fertili tiegħu biex ikkrea vjolazzjoni oħra f'moħħu, jew, wisq tifhem il-Qorti, f'moħħ il-konsulenti legali tieghu! – il-fatt li huwa ma għandux dritt ta' ritrattazzjoni timmina d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.*

*34. Il-ġurisprudenza kollha ċitata fis-sottomissjonijiet tar-rikorrent tirreferi għall-Artikolu 6 u jirreferu għal apprezzament żbaljat tal-provi li jkun wassal għal konklużjonijiet manifestament irraġonevoli, indikazzjoni ċara li l-argumenti tar-rikorrenti huma ippernjati unikament fuq dan il-punt.*

*35. Jidher ċar ukoll li r-rikorrent donnu qed jistieden lil din il-Qorti biex tistħarreġ mill-ħdid il-fatti, li abbażi tagħhom il-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali iddeċidew li r-rikorrent Masini kien ħati ta' misapproprjazzjoni.*

*36. Hawnhekk, il-Qorti tibda billi tosserva li l-funzjoni ta' din il-Qorti, mhijiex bl-ebda mod li tissindika ir-raġuni li wasslu biex l-kawżi jiġu finalment deċiżi iżda, li tara u tistħarreġ hemmx vjolazzjoni tad-dritjjiet umani kif allegat mir-rikorrent.*

*37. L-ilment tar-rikorrenti, kif ġia fuq osservat, huwa prinċipalment fuq żewġ binarji. a. L-ewwel binarju huwa dwar in-nuqqas ta' reviżjoni tat-tielet grad fil-kamp penali, fejn r-rikorrent qed jippretendi li kawża li ġiet deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell Kirminali ikollha reviżjoni oħra fit-tielet grad, bħal ma jeżisti fil-possibilta` ta' ritrattazzjoni fil-kamp Ċivili. b. It-tieni binarju huwa li r-rikorrent qed jibbaża l-ilment tiegħu, li ġie diskriminat, meta ikkompara l-akkuża tiegħu mal-akkuża ta' persuna oħra, u eżebixxa l-każ deċiż 'il-Pulizija vs L-Avukat Siegfried Borg Cole'.*

*38. Il-Qorti ser tibda billi teżamina t-Tieni Binarju imqajjem mir-rikorrent, peress illi ftit li xejn hemm x'jingħad għal din il-ħrafa u konġentura legali li vvintaw il-konsulenti legali tar-rikorrent, li ċertament ma tagħmel ebda ġieh lil min ħasibha!*

*39. Huwa prinċipju sekolari ben maghruf minn kull min huwa involut fil-kamp legali, minn ġuristi sa kull persuna bi pozjent limitat ta' intellett, inkluż liġi, li kull każ għandu l-fatti u ċirkostanzi distinti minn kwalunkwe każ ieħor.*

*40. Għalhekk, hija kemm inverosimili kif ikoll inkredibbli li r-rikorrent, bl-assistenza koxjenti tal-konsulenti legali tiegħu, setgħu qatt joħolmu li, għax sbatax-il sena qabel, f'każ fejn kien hemm l-istess akkuża bħal ma kien hemm fil-konfront tiegħu, ingħatat deċiżjoni differenti minn tiegħu, allura huwa kellu d-drittijiet tiegħu leżi meta ngħata deċiżjoni differenti!*

*41. Din il-Qorti tqis li għandha tirrabixxi l-ovvju, li l-Qorti tifhem li seta' sfuġġa lill-konsulenti legali, ossija li qatt ma jista' jsir konfrontazzjoni*

*bejn każ ma' każ ieħor, u dana għaliex kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu.*

*42. Għalhekk, l-argument ta' diskriminazzjoni imqajjem mir-rikorrent fit-Tieni Binarju ma għandu ebda bażi legali, u qed jiġi skartat.*

*43. Il-Qorti ser issa tgħaddi biex teżamina l-Ewwel Binarju, u ċioe` li, minkejja li ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa ma seta' jagħmel xejn għaliex dik id-deċiżjoni kienet finali u ma hemmx ritrattazzjoni minnha.*

*44. Tajjeb jiġi osservat, li huwa ovvju li r-rikorrent ma qabilx ma' dak deċiż fiż-żewġ sentenzi tal-Qorti, fil-proċeduri Kriminali kontrih, kemm dik tal-ewwel Istanza, bħala Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) u kemm dik deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn jgħid li dawn injoraw il-fatti ċari li rriżultaw mill-provi u għamlu apprezzament ħażin tal-provi, li jwassal għal konklużjoni irraġonevoli.*

*45. In sostenn għal dan l-argument fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent ikompli jirreferi għal ġurisprudenza dwar apprezzament ħażin u żbaljat tal-provi.*

*46. Huwa ċar li r-rikorrent qed jipprova jgħawweġ u jġebbed kemm jista' u jabbina l-punt ta' apprezzament ħażin tal-provi mal-fatt li huwa ħassu aggravat għaliex ma teżistix possibilita` ta' ritrattazzjoni minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kiriminali – u għalhekk qed jgħid li ġew vjolati d-drittijiet tiegħu ta' smigħ xieraq.*

*47. Ħarsa lejn il-kawżali elenkati fl-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili għal ritrattazzjoni fil-kamp Ċivili turi bl-aktar mod ċar li ma jirriżultax li "apprezzament ħażin tal-provi" jaqa' taħt ebda mill-kawżali hemmhekk elenkati.*

*48. Għalhekk, din il-Qorti tippuntwalizza illi anke kieku ipotetikament, għall-grazzja tal-argument, id-dritt ta' ritrattazzjoni kif jeżisti fil-kamp ċivili kellu japplika għall-kamp kriminali wkoll, dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma jeżistix peress illi ma jaqax taħt il-kawżali tad-disposizzjoni tal-liġi, l-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jitkellem dwar ritrattazzjoni.*

*49. Fid-dawl ta' dawn il-fatti, din il-Qorti tifhem, li m'hemmx lok għal appell minn appell, kif qed jikkontendi ir-rikorrent. Dak mitlub mir-rikorrenti f'din il-proċedura, huwa inkonċepibbli u inamissibbli fil-kamp ċivili, peress li dak li qed jilmenta minnu ma jaqax taħt il-kawżali tal-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk huwa aktar inamissibbli fil-kamp penali, meta dan id-dritt ta' ritrattazzjoni ma japplikax għall-kamp penali.*

*50. Din il-Qorti tikkonkludi, li għal dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent hemm id-dritt ta' appell li huwa finali. Hawnhekk, din il-Qorti ma tistax ma tikkondividix dak sollevat mill-Avukat tal-Istat, li meta r-rikorrent*

*m'għoġbitux u ma qabilx ma' dak deċiż fil-kamp penali għaliex ma kienx għall-gosti tiegħu, ippretenda li jingħata it-tielet ċans.*

*51. Għalhekk, in vista tas-suespost, m'hemm l-ebda ksur ta' dan l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*52. Ir-rikorrenti jagħmel ukoll referenza ghall-Artikolu 13, li jgħid: "Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu ikollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

*53. Jiġi osservat, li minkejja li fit-tieni talba tiegħu jorbot l-ilment tiegħu ta' nuqqas ta' ritrattazzjoni fil-kamp penali ma' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, fis-sottomissjonijiet, ma jsemmi xejn dwar l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea – l-aqwa li nkunu semmejniha!*

*54. Mill-banda l-oħra, l-Avukat tal-Istat saħaq li huwa evidentement ċar, li l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jiggarantixxix rimedji altenattivi li m'għandhomx x'jaqsmu mad-drittijiet fundamentali kif sanċiti fl-istess Konvenzjoni. Għalhekk, il-pretensjoni tar-rikorrent għal dritt ta' ritrattazzjoni fi proċeduri penali, mhijiex bl-ebda mod relevanti ma' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni għaliex mhuwiex direttament relevanti u konness ma' dritt fundamentali kif sanċit fil-Konvenzjoni Ewropea.*

*55. Għalhekk, din il-Qorti tqis li dak mitlub mir-rikorrent fit-tieni talba ma jistax jintlaqa', u qed jiġi respint.*

*56. Dwar dak mitlub fit-tielet talba tar-rikorrent, din hija talba għal kollox inamissibbli. Kif diġa' ritenut, din il-Qorti f'każ ta' din ix-xorta, għandha l-funzjoni tistħarreġ biss dak allegat dwar leżjonijiet ta' drittijiet fundamentali o meno. Iżda bl-ebda mod, din il-Qorti ma għandha tissindika sentenzi mogħtija fil-proċedura Kriminali.*

*57. Għalhekk tiċħad it-tielet Talba tar-rikorrent.*

*58. Fir-raba' talba, r-rikorrent irrefera għall-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem waqt li qabbel is-sentenza tiegħu ma' dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ "Il-Pulizija vs L-Avukat Siegfried Borg Cole". Ir-rikorrent saħaq li fil-każ tiegħu, il-Qrati daħlu fid-dettal u analizzaw kif ir-rikorrent kellu sehem attiv u kriminuż filwaqt illi fil-każ minnu riferut, dawn l-osservazzjonijiet ma kinux saru. Inoltre`, r-rikorrent ippuntwalizza wkoll, li l-persuna l-oħra ma ngħatatx deċiżjoni, li ma jikkomettix reat ieħor fi żmien sentejn kif sar fid-deċiżjoni tiegħu deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-ġudikatura Kriminali.*

*59. Kif din il-Qorti diġa' kellha l-opportunita` tirritjeni aktar 'il fuq, dawn it-tip ta' paraguni ta' każ ma' ieħor kif ittenta jagħmel ir-rikorrent, ma*

*jistgħux isiru, peress illi l-fatti u ċ-ċirkustanzi ta' kull każ ikunu differenti u distinti minn kull każ ieħor.*

*60. La darba r-rikorrent għamel referenza għall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea din il-Qorti ser tgħaddi biex tenunċja l-prinċipji tal-Artiklu 14.*

*61. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jistipula: "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà`, twelid jew status ieħor."*

*62. F'dan il-kuntest, tajjeb jingħad, li kif inhu risaput fil-ġurisprudenza, għalkemm jista' ikun hemm vjolazzjoni ta' dan l-Artikolu 14, anke jekk il-Qorti ma ssibx li hemm vjolazzjoni ta' disposizzjoni oħra tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 14 m'għandux eżistenza indipendenti mill-Artikoli l-oħra, u dejjem irid ikun hemm ness bejn il-fatt li qed jiġi allegat li hu diskriminatorju u xi ħaġa li taqa' fl-ambitu ta' xi wieħed jew aktar mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni. (Ara Ruth Debono Sultana et vs Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' April 2009; Anne Miller pro et noe vs l-Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2009; Anthony Grech Sant vs l-A.G. (50/2009/1) deċiża fit-8 ta' Frar 2010 mill-Qorti Kostituzzjonali. Ukoll, fil-każ Petrovic vs Austria deċiża fis-27 ta' Marzu 1998 ingħad:*

> *"The Court has said on many occasions that Article 14 comes into play whenever the subject-matter of the disadvantage.....constitutes one of the modalities of the exercise of a right guaranteed." (See National Union of Belgian Police vs Belgium decided on the 27th October 1975 series A no, 19 pg 20), or the measures compained of are linked to the exercise of a right guaranteed. (See Schmidt and Dahlstrom vs Sweden decided on the 6th February 1976 series A. No.21 pg.17).*

*63. Fil-każ Haas vs Netherlands deċiża fit-13 ta' Jananr 2004, para 41, tingħad il-formula klassika ta' kif jopera l-Artikolu 14:*

> *"Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the protocols. It has no independent existence since it has effect soleley in relation to the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions. Althougħ the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions, and to this extent, it is autonomous, there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."*

*64. Kif ingħad fil-każ Spadea &Scalabrino vs Italy deċiża fit-28 ta' Settembru 1995*

> *"Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established inter alia, that the situation of the alleged*

*victim can be considered similar to that of persons who have been treated." (Ara f'dan is-sens Raymond Vella et vs il-Kummsisarju tal-Artijiet (551/1995/10) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Mejju 2004)."*

*65. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-konsulent legali tar-rikorrent sempliċiment kompla jelabora fuq il-paraguni magħmula, tramite l-avukat difensur tiegħu, bejn id-deċiżjonijet fil-kamp Kriminali li ngħataw fil-konfront tiegħu, u d-deċiżjoni l-oħra kif eżebita fl-atti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs l-Avukat Siegfried Borg Cole'.*

*66. Madanakollu, ir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu, ma setax jorbot dan l-artikolu ma' ksur ta' l-ebda disposizzjonijeit oħra tal-Konvenzjoni Ewropea. Fin-nuqqas ta' dan in-ness, billi ir-rikorrenti ma setax jipprova d-diskriminazzjoni minnu allegata, għax ma teżistix, din il-Qorti ser tieqaf milli tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent abbażi ta' dan l-artikolu, proprju għaliex kif insenjat, dan l-Artikolu strettament ma għandux eżistenza indipendenti, u kwindi mhuwiex suffiċjenti li wieħed jallega biss diskriminazzjoni.*

*67. Għaldaqstant, l-ilment tar-rikorrent abbażi ta' dan l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex ġustifikat u ma jistax jintlaqa.'*

*68. Għalhekk, tiċħad ukoll, ir-raba' talba tar-rikorrent.*

*69. Referibbilment għall-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet dawn it-talbiet huma konsegwenzjali għall-ewwel erba' talbiet. Ladarba fl-ewwel talbiet ma nstab li hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet umani, it-talbiet għal danni, kumpens u rimedji oħra mhumiex ser jintlaqgħu.*

*70. Konsegwentement, tiċħad il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet tar-rikorrent.*

*71. In konklużjoni, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-proċeduri odjerni ma huma xejn għajr abbuż tas-sistema ġudizzjarja, ittentata mill-konsulenti legali tarrikorrent, fejn ippruvaw jressqu it-tielet grad ta' appell minn deċiżjoni fil-kamp kriminali, fejn, kemm in prim' istanza kif ukoll fl-appell, ir-rikorrent instab ħati ta' akkuża waħda minn tnejn li ġew lilu addebitati, u ngħata sentenza li, fi kliem il-Qorti tal-Appell "kienet piena żgħira meta imqabbla mar-reat".*

*72. Huwa ċar illi t-talba u tqanqil ta' kwistjonijiet kostituzzjonali da' parte tar-rikorrent, bit-tmexxija u pariri tal-konsulenti legali tiegħu, huma sempliċiment frivoli peress illi ma għandhom ebda bażi legali u huwa ċar li kienu intenzjonati unikament, minn min irrediġihom, sabiex jipprovdu lir-rikorrent bit-tama falza li sentenza, li ma kienx kuntent biha, terġa' għal darba tiġi kkunsidrata mill-ġdid, u din għat-tielet darba – strataġemma li twassal biss għal aktar dewmien fi proċeduri u ħela ta' ħin prezzjuż, a benefiċċju biss ta' min ikun irrediġihom u ħolom bihom inizjalment.*

> *73. Għalhekk, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi fil-każ odjern għandha tapplika dak ipprovdut fl-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni u tiddikjara l-proċeduri odjerni bħala sempliċiment frivoli.”*

6. Ir-rikorrent ħassu aggravat u ressaq appell nhar id-9 ta’ Frar 2023. L-Avukat tal-Istat ressaq risposta nhar it-28 ta’ Frar 2023.

7. Ir-rikorrent (minn issa ’l quddiem l-appellant) ibbaża l-appell tiegħu fuq tlett aggravji (i) li teżisti mankanza serja fl-ordinament ġuridiku tagħna peress li fil-kamp penali r-ritrattazzjoni hi limitata għall-kawżi li jmorru ġuri (ii) li ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti li ma saritx diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu (iii) li l-qrati ta’ ġurisdizzjoni kriminali għarblu l-provi b’mod żbaljat u taw lok għall-ksur tad-drittijiet tar-rikorrent.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

8. Qabel ma jiġi ndirizzat l-appell tar-rikorrent għandu jiġi ndirizzat il-preġudizzjali mqajjem mill-Avukat tal-Istat li l-appell huwa null u li ma setax jitressaq.

9. L-Avukat tal-Istat isostni li l-appell huwa null u dan peress li kemm f’paragrafu 72 u kemm f’paragrafu 73 u fid-dispożittiv tas-sentenza, l-Ewwel Qorti ddikjarat b’mod espress li fid-dawl tan-natura frivola tat-talbiet hija kienet qiegħda tapplika d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319.

10. L-Avukat tal-Istat jargumenta li l-Ewwel Qorti qieset b'mod profond it-talbiet u kkonkludiet b'mod ċar li dawn kienu frivoli:

> "*72. Huwa ċar illi t-talba u tqanqil ta' kwistjonijiet kostituzzjonali da' parte tar-rikorrent, bit-tmexxija u pariri tal-konsulenti legali tiegħu, huma sempliċiment frivoli peress illi ma għandhom ebda bażi legali u huwa ċar li kienu intenzjonati unikament, minn min irrediġihom, sabiex jipprovdu lir-rikorrent bit-tama falza li sentenza, li ma kienx kuntent biha, terġa' għal darba tiġi kkunsidrata mill-ġdid, u din għat-tielet darba – strataġemma li twassal biss għal aktar dewmien fi proċeduri u ħela ta' ħin prezzjuż, a benefiċċju biss ta' min ikun irrediġihom u ħolom bihom inizjalment.*
>
> *73. Għalhekk, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi fil-każ odjern għandha tapplika dak ipprovdut fl-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni u tiddikjara l-proċeduri odjerni bħala sempliċiment frivoli.*
>
> U
>
> *Tiddikjara t-talbiet kollha tar-rikorrent bħala sempliċiment frivoli għall-għanjiet tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u L-Artikolu 4 (5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*"

11. L-Avukat tal-Istat ikompli billi jagħmel referenza għall-sentenzi tal-qrati kostituzzjonali fir-rigward ta' appelli mressqa wara sentenzi fejn l-Ewwel Qorti tkun applikat kemm l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u kemm l-Artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid li konsegwentement dan l-appell huwa null u ma setax jitressaq u li din il-Qorti għandha tiċħdu.

12. Din il-Qorti rat l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi li:

> "*(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja.*"

13. Filwaqt li l-Artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:

> *"(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja."*

14. Din il-Qorti tqis li l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju minn dik il-parti tas-sentenza fejn it-talbiet ġew meqjusa bħala frivoli. Fin-nuqqas ta' dan, din il-Qorti mhux ser tidħol fil-mertu ta' jekk tali dikjarazzjoni kellhiex issir jew le.

15. Rat li l-Ewwel Qorti kienet ċara fir-raġunijiet u fid-dispożitiv tas-sentenza mogħtija minnha, tant li tat raġunijiet u applikat il-kliem li huma utilizzati fil-provedimenti hawn ċitati. Tqis li dan jorbot lil din il-Qorti, u dan għaliex l-artikoli hawn ċitati huma pjuttost ċari.

16. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Peter Paul Cutajar v. l-Avukat Ġenerali et[1], fejn ġie meqjus:

> "*15. L-Awtorita` tad-Djar u l-Awtorita` tal-Artijiet jikkontendu illi dan l-appell huwa null peress illi fid-deċide l-ewwel Qorti ddikjarat illi l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja ai termini tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirrileva illi peress li l-ilment tal-attur kien ibbażat biss fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea l-artikolu applikabbli għal dawn il-proċeduri mhuwiex l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni iżda l-Artikolu 4(5) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Dan pero` m'għandu l-ebda mpatt fuq il-validita` tas-sentenza appellata peress illi dawn iż-żewġ artikoli huma identiċi. L-Artikolu 4(5) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, eżattament bħal l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni, jipprovdi illi ma jista' jsir l-ebda appell minn deċiżjoni li talba jew referenza tkun sempliċement frivola jew vessatorja.*

[1] Q.K. – 1 ta' Diċembru 2021

*16. F'dan il-każ l-ewwel Qorti ma ddikjaratx illi l-proċedura bħala sempliċement frivola jew sempliċement vessatorja iżda ddikjarat illi l-proċeduri ntavolati mill-appellant huma "frivoli u vessatorji." Il-Qorti għalhekk tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet Carmen Micallef v. Prim'Ministru et (Kost., 24/10/2005) fejn ġie spejgat hekk f'ċirkostanzi simili:*

> *"Issa ma hemmx dubbju li fid-deċide l-ewwel Onorabbli Qorti esprimiet ruħha bl-aktar mod ċar u inekwivoku dwar li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti (illum appellanti permezz ta' Joseph Micallef) kienet mhux biss frivola jew vessatorja (għax il-waħda jew l-oħra huma biżżejjed skond is-subartikoli (5) aktar 'l fuq imsemmija) iżda addirittura frivola u vessatorja. Huwa veru li l-ewwel Qorti ma wżatx il-kelma "sempliċement", pero` din il-Qorti hi tal-fehma li s-sens kollu tad-deċide u li l-kwistjoni sollevata kienet effettivament sempliċement frivola u vessatorja.*
>
> *[…]*
>
> *…l-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal is-subartikoli (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, kienet proprju li meta l-Prim Awla tiddikjara li xi talba jew xi kwistjoni li tkun tqanqlet kienet "sempliċement frivola jew vessatorja", id-dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni ma jibqax jeżisti. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa diversi sentenzi li jitrattaw dawn is-subartikoli – 46(5) u 4(5)… u minnhom jemerġi ċar il-prinċipju li bħala regola, u sakemm ma jkunx hemm x'jindika b'mod impellenti li għandu jsir il-kuntrarju, id-deċiżjoni tal-Prim Awla li talba miġjuba quddiemha jew kwistjoni li tkun tqanqlet hija frivola jew vessatorja hija ta' ostakolu għal xi forma ta' appell minn dik is-sentenza għal quddiem din il-Qorti".*

*17. L-appellant isostni illi ladarba l-ewwel Qorti kkonsidrat il-mertu tal-kawża tiegħu allura hemm dritt ta' appell. Din il-Qorti tqis pero` l-fatt illi l-ewwel Qorti daħlet fil-mertu biex tiddetermina li l-kawża ntavolata mill-attur hix frivola u/jew vessatorja ma jfissirx li b'daqshekk id-determinazzjoni tal-Qorti tilfet l-effett tagħha. L-ewwel Qorti kienet qed tagħmel id-dover tagħha meta eżaminat l-ilment tal-attur fil-mertu, u dan l-eżami magħmul minnha wassalha għall-konklużjoni illi l-kawża ntavolata minnu ma kinitx biss frivola iżda kienet ukoll vessatorja.*

*18. Għalkemm l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma mmotivatx id-deċiżjoni tagħha li l-kawża tiegħu hija frivola u vessatorja, qari tas-sentenza appellata juri li dan l-argument huwa manifestament infondat. Apparti illi għamlet konsiderazzjonijiet finali dwar id-dikjarazzjoni tagħha li l-ilment miġjub quddiemha kien frivolu u vessatorju, il-konsiderazzjonijiet magħmula minnha tul is-sentenza juru b'mod ċar u ma jħallu l-ebda dubbju f'għajnejn din il-Qorti illi l-ewwel Qorti kienet qed tqis l-ilment bħala wieħed frivolu u vessatorju għar-raġunijiet minnha spjegati. Hekk per eżempju, fir-rigward tal-ilment tal-attur dwar l-ispiera tal-ilma, l-ewwel Qorti kkonsidrat hekk:*

> *"61. Kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument tar-rikorrent, naslu fl-assurdita' illi persuna jista japPropria għalih kwalsiasi tip ta' propjeta mingħajr ebda titolu u, sussegwentement, meta terġa' tittieħed lura minn min legalment huwa s-sid, jippretendi kumpens għax id-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi.*

> *62. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi tali assurdita' legali ma hija ser issib ebda konfort minn dina l-Qorti w hija turija ċara tal misinterpretazzjoni u tgħawwiġ intenzjonat illi qed isir ta' drittijiet fundamentali li qed jiġu abbużati w maltrattati għal benefiċċju ta' lukru ta' individwi".*

*19. Fil-konsiderazzjonijiet finali tagħha l-ewwel Qorti mbagħad ikkonsidrat hekk:*

> *"74. Il-Qorti tirrileva li jidher ċar illi l-proċeduri Kosituzzjonali, fil-każ odjern, ma intużawx sabiex jiġi protett dritt fundamentali illi r-rikorrent jippretendi ili għandu, iżda intuża prinċipalment bħala għodda għar-rikorrent sabiex ikompli jipprova jakkwista d-dar 57, Main Street, Siġġiewi mingħand il-Gvern u juża l-kawża odjerna bħala theddida kontra tiegħu".*

*20. Id-diċitura tas-sentenza appellata tagħmilha ċara li l-ewwel Qorti kienet qed tikkonsidra l-ilment tal-attur bħala wieħed frivolu u addirittura vessatorju għaliex ibbażat fuq "assurdita" legali u li l-attur kien qiegħed jabbuża minn dawn il-proċeduri kostituzzjonali bl-iskop li jisforza jdejn il-Gvern biex tgħaddi tiegħu.*

*21. Mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kwistjoni, ġaladarba dan ikun imur kontra l-vot tal-liġi fl-Artikolu 4(5), u wara li rat l-atti ta' din il-kawża l-Qorti tqis illi huwa ċar li l-attur qiegħed jipprova juża l-Qrati kostituzzjonali bħala Qrati tat-tielet grad b'mod li manifestament mhuwiex permess skont il-liġi u l-ġurisprudenza. L-ilment tal-attur jaqra daqslikieku mhux diġa` ngħataw sentenzi res judicata fir-rigward tal-ispiera u l-akkwist tad-dar mikrija minnu, u dan minkejja li fl-ebda ħin ma lmenta li dawn id-deċiżjonijiet huma tant manifestament arbitrarji jew illoġiċi li jmorru kontra d-dettami tad-dritt għal smigħ xieraq. Għalhekk din il-Qorti hija moralment konvinta li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti għandha tiġi rispettata. Minn dan isegwi li l-appell odjern huwa null ai termini tal-Artikolu 4(5) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.*

*22. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar u l-Awtorita` tal-Artijiet qed tiġi milqugħa. Deċide Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` tad-Djar u l-Awtorita` tal-Artijiet, għaldaqstant tiddikjara l-appell odjern irritu u null ai termini tal-Artikolu 4(5) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea."*

17. Issa fil-każ odjern din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti oltre li ndirizzat it-talbiet, esprimiet ruħha b'mod ċar għalfejn qieset li l-azzjoni tar-rikorrent kienet sempliċiment frivola. Tqis li *in linea* mal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(5) tal-Konvenzjoni Ewropea, tali appell ma setax jitressaq u konsegwentement mhux ser tieħu konjizzjoni

ulterjuri tiegħu, dan kif saħqet ukoll il-Qorti Kostituzzjonali diversament presjeduta:

> "*12. Minn qari tas-sentenza appellata – u minghajr ma wiehed ghall-mument jidhol f'aspetti li jirrigwardaw proprjament il-meritu ta' l-appell stante li l-provvediment odjern huwa limitat ghall-pregudizzjali ta' l-appellabilita` --din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li d-decizjoni tal-Prim Awla fil-kaz de quo li t-talba tar-rikorrenti kienet mhux biss frivola izda wkoll vessatorja ghandha tigi rispettata. Isegwi ghalhekk li l-appell interpost huwa irritu u null in kwantu vjetat bis-subartikolu (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u bis-subartikolu analogu tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319.*
>
> *13. Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellati u konsegwentement tiddikjara l-appell interpost minn Joseph Micallef bir-rikors tieghu tad-9 ta' Frar 2004 bhala irritu u null, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Spejjez ghall-appellant.*[2]"

u

> "*7. Il-Qorti, ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti tat-23 ta' Novembru, 2007. Issa, il-konsegwenza ta' dikjarazzjoni fid-dispozittiv tas-sentenza li talba (jew it-tqanqil ta' kwistjoni) hija semplicement frivola jew semplicement vessatorja giet ezaminata funditus minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' Mejju 2006, fl-ismijiet Lawrence Grech v. L-Avukat Generali et. – ara wkoll id-diversi sentenzi msemmija f'dik is-sentenza – u din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tahli z-zmien tirrepeti dak li hu stabbilit bhala gurisprudenza cara. F'dan il-kaz, kif inghad, fir-rikors ta' appell ma gie allegat ebda abbuz jew xi haga ohra gravi jew impellenti li jistghu jimmotivaw lil din il-Qorti li tinjora, imqar jekk temporanjament, id-divjet ta' appell li l-legislatur ried li jkun hemm meta jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' frivolezza jew vessatorjeta` kif aktar 'l fuq imsemmi. Isegwi, ghalhekk, li f'dan il-kaz l-appell interpost fil-5 ta' Mejju 2007, huwa irritu u null ghax ghalih josta l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319.*
>
> *8. Ghall-motivi premessi tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mis-socjeta` appellanti.*[3]"

---

[2] Carmen Micallef vs Prim Ministru – Q.K – Deċiża 24 ta' Ottubru 2005
[3] Hix Limited vs Avukat Ġenerali – Q.K. – Deċiża 30 ta' Novembru 2007

**Decide**

18. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi li l-appell huwa rritu u null u ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mir-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da